# IĊ-ĊITTADINANZA TAL-FIDI

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech**
**Festa Liturġika ta' San Ġorġ**
**Bażilika San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex - Il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2011**

### "Disfattiżmu tar-raġuni"

Dawn il-ġranet qiegħed naqra artiklu; mhux xi kitba tas-Santi Padri, lanqas mhu ħiereġ mill pinna ta' xi Papa, lanqas huwa folja mill-Maġisteru tal-Knisja tagħna, imma huma ftit ħsibijiet midmumin minn filosofu li jgħid li ma jemminx: Jürgen Habermas. Hu artiklu li kitbu ftit tax-xhur ilu. Ta' bniedem tassew għaref, jagħmel osservazzjoni u jgħid illi l-istat modern li huwa liberali u sekularizzat tilef il-presupposti meħtieġa biex ikun jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu ta' Stat. Proprju għaliex huwa nieqes minn dan il-fundament, l-Istat qed iħabbat wiċċu ma' dak li jissejjaħ "disfattiżmu tar-raġuni" – tilef kull fiduċja fil-ħajja umana, fiż-żwieġ, fil-familja, fil-ġustizzja, eċċ. Għaldaqstant, meta l-Istat jitlef is-sens ta' Alla, ma jkunx jista' jiggarantixxi li ser ikun kapaċi jiggverna b'mod li tassew iħares id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

Kieku din l-affermazzjoni qed nagħmilha jien jew kieku qalha l-Papa Benedittu XVI, kieku xi ħadd jista' jgħid: "Int agħlaq ħalqek" – kif qegħdin jgħidulna – "għax m'hawnx spazju, m'għandekx dritt għall-kelma, m'għandekx dritt li taħseb, għax int qassis". Għax f'din is-sitwazzjoni wasalna issa: għax int qassis jew Kattoliku, allura m'għandekx moħħ! Imma din qed jgħidha – u min jaqra jaf x'qed ngħid – filosofu ta' kalibru: Jürgen Habermas.

Ma tarawx xebh bejn din is-sitwazzjoni u l-kultura li fiha kien qed jgħix San Ġorġ Martri? San Ġorġ, aħna li nafu l-istorja tiegħu, nafuh jgħix f'ambjent fejn l-istat ta' żmienu, allura l-Imperu ta' Ruma, kien ukoll imperu liberali illi ried jinfatam minn Alla u jsikket lil Alla. U xi ġralu dan l-imperu? Kisser u qered lilu nnifsu, bħalma jiġrilhom l-istati moderni jekk ma joqogħdux attenti x'direzzjoni sa jieħdu. Kien f'dan il-kuntest li żvolġiet il-ħajja glorjuża tal-martri tagħna San Ġorġ. U għalhekk huwa ħafna opportun li din id-devozzjoni tagħna lejn San Ġorġ tkompli xxettell l-għeruq tagħha biex lilna tispirana biex insibu soluzzjoni għal din l-istraġi politika.

### "Alleanza" bejn ir-raġuni u l-fidi

Quddiem id-disfatta tar-raġuni li biha mexjin l-istati liberali, il-filosofu Jürgen Habermas jissuġġerixxi t-tiġdid tal-alleanza bejn ir-raġuni u l-fidi. Huwa jara li l-ħażna tal-għerf ta' żmienna flimkien mal-għerf teoloġiku li joffru r-reliġjonijiet, tista' tgħin biex il-bniedem ma jkollux disfatti fil-ħajja!

Fejn huma l-filosofi tagħna? Fejn huma l-għorrief tagħna li qegħdin jiddeċiedu għalina? M'iniex nikkwota riżorsa tal-Knisja; qed nikkwota filosofu li jipproponi bħala triq futura l-alleanza bejn il-konoxxenza tar-raġuni u l-konoxxenza tal-fidi. Tiżen ftit din l-affermazzjoni! Sfortunatament il-ħassieba tagħna, li formalment huma Nsara, jaħsbuha mod ieħor! Dawn huma konvinti li l-progress veru jfisser li Alla għandu jiġi msikket u li dawk li għandhom twemmin Nisrani m'għandhomx dritt jieħdu sehem fid-dibattitu pubbliku! Anzi għandna min jgħid li jekk jifthu fommhom in-nies tal-Knisja, dawn ifixklu l-proċess demokratiku! Għal xi wħud jidher li dawk li jemmnu f'Alla huma nies bla moħħ u ma għandhom xejn x'jikkontribwixxu fid-diskussjoni pubblika!

Meta aħna nitkellmu fuq il-fidi tagħna u nfittxu li ndawlu anki r-raġuni permezz tal-fidi, iċamawna li aħna rridu stat teokratiku! Anzi, għandna min jiġġustifika li l-Insara m'għandhomx jingħataw vuċi fil-kapitlu proprju għax ma jridx li jkollna stat teokratiku! Mela ma jafux illi l-Knisja għamlet passi ta' ġgant 'il quddiem fl-għarfien tagħha nfisha u ta' kif għandha tirrelata mad-dinja u mas-soċjetà ċivili? Min jaħseb dan għadu ma ntebaħx li l-Kattoliċi għamlu l-esperjenza tal-Konċilju Vatikan II, fejn il-Knisja tgħallem li għandu jkun hemm separazzjoni bejn stat u Knisja! Għalkemm naqblu li stat ma għandux ikun konfessjonali, ikun gwaj serju jekk ikollna stat ateista, kif hawn fostna min qed irewwaħ! Qed iqarraq min jgħid illi l-Insara b'xi mod jixtiequ xi stat teokratiku u konfessjonali. Aħna ma rridux li jkollna stat ateista. Jekk tridu xempju ta' xi jfisser nazzjon ateista, diġà semmejtilkom iż-żmien ta' San Ġorġ bil-persekuzzjonijiet kollha u l-qerda li kien hemm. Imma nista' nsemmilkom esperjenzi iktar qrib tagħna: l-Albanija stat ateista. U tafu x'hemm fl-Albanija! Allura aħna hemm irridu naslu? Aħna rridu naslu f'sitwazzjoni fejn ara ssemmi lil Alla, ara titkellem fuq dawk li huma drittijiet ta' Alla?

Din hi l-alleanza li hija meħtieġa llum biex l-istat isib il-presupposti li fuqhom jibni lilu nnifsu, biex is-soċjetà jkollha dawk il-pedamenti, jew fundamenta, li tista' sserraħ fuqhom. Intom immaġinaw ftit... ħa nagħtikom eżempju żgħir, jekk m'intomx tifhmuni. Jekk ngħidilkom: "Mur għand tabib li m'għandux kuxjenza u sens ta' Alla", inti tafda ruħek ma' dak it-tabib? Issa jien flok tabib nista' nsemmilek kull professjoni oħra, inkluża l-professjoni nobbli ta' dawk li huma fil-politika! Dan li rridu aħna? Dan hu l-progress li qegħdin nirreġistraw? Xejn m'aħna differenti miż-żminijiet li fihom tħabat il-martri San Ġorġ! Araw kemm hu figura attwali għal żminijietna! Dan li jiena nawgura: illi s-soċjetà tagħna tagħraf issib din l-alleanza bejn affarijiet li tgħidlek ir-raġuni – għax xi darba lanqas ma nimxu skont ir-raġuni – u dak li tgħidilna l-fidi.

Ċertu diskors li qed jinkiteb u jingħad għandu jkexkixna. Meta jingħad li m'għandux ikun hemm relazzjoni bejn dawk li huma liġijiet tal-pajjiż u l-etika, din hija pożizzjoni serja ħafna għax ifisser illi min għandu l-poter leġiżlattiv, billi m'għandux il-fundament etiku – għax m'għandux lil Alla – għandu setgħat assoluti! Possibbli l-Knisja biss tgħid dan id-diskors? Huwa fatt li din hi vuċi solitarja! Hekk kienu l-martri, hekk kien San Ġorġ... vuċi solitarja quddiem it-tirannija ta' Djoklezjanu, li kellu l-poter u ħaseb illi bih seta' jagħmel kollox, għax kien poter assolut! Mentri hija dik l-alleanza bejn ir-raġuni u l-fidi f'Alla li tista' tgħin lill-bniedem isib l-ekwilibriju biex għemilu jkun skont is-sewwa u l-ġustizzja.

Hija l-missjoni tagħna l-Insara li nippruvaw innaqqxu fl-istorja tan-Nazzjon il-veritajiet Kristjani dwar il-bniedem u dak kollu li jmiss mal-bniedem. Ma nħallux lil min jintimidana u jrid jipprova jsikkitna! Bħalma kienet il-missjoni tat-Tribun ta' Lidda, din hi l-missjoni tagħna: illi f'soċjetà li ma riditx tisma' bi Kristu, li hi għadu tas-Salib, b'ħafna mħabba, bil-prudenza, imma b'rispett lejn il-verità, ma nibżgħux naffrontaw l-iżball, niddenunzjaw il-gidba u nikkoreġu n-nofs verità. San Ġorġ ta s-sehem tiegħu, anki bl-istess uffiċċju li kien jokkupa fl-armata, biex tintlaħaq din l-alleanza bejn ir-raġuni u l-fidi.

### Libertà reliġjuża

Illum nitkellmu ħafna fuq drittijiet... nitkellmu fuq drittijiet ċivili, li wħud minnhom mhuma drittijiet xejn imma huma drittijiet li ħloqniehom aħna għax jaqblilna, u għada kapaċi ninsewhom għax ma jkunx jaqblilna. Imma hemm drittijiet li jgħidulhom drittijiet fundamentali, u fost dawn id-drittijiet – u dan mhux qed tgħidu l-Knisja, imma jgħiduh *Charters* tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem – hemm id-dritt għal-libertà reliġjuża: dak id-dritt illi ġie miċħud lil San Ġorġ u llum qed jiġi mċaħħad ukoll lid-dixxipli ta' Kristu. Id-dritt għal-libertà reliġjuża jfisser illi fil-privat u fil-pubbliku inti li tħaddan twemmin reliġjuż tista' tistqarr il-konvinzjonijiet tiegħek bħala kredenti, inti tista' tiddjaloga ma' ħaddieħor, imdawwal mill-konvinzjonijiet tal-fidi tiegħek.

Propju għaliex għandna d-dritt tal-libertà reliġjuża, il-Knisja għandha d-dritt fundamentali li xxerred il-fidi bil-libertà vera. Għax hemm tentattivi biex dan l-eżerċizzju jiġi mxekkel! Naf x'qed ngħid. Araw id-direttiva li ħarġet ftit ilu mill-Awtorità tax-Xandir. Fuq il-mezzi tax-xandir tagħna aħna ma nistgħux nitkellmu x'jgħid il-Vanġelu fuq il-bniedem u dak li jmiss lill-bniedem, u allura ż-żwieġ u l-familja. Le! Dan biex taparsi jkollok il-bilanċ! U l-bilanċ ifisser li jekk jien illejla qed nagħmel priedka trażmessa fuq radju, missu hawnhekk hawn xi ħadd ieħor illi nagħtuh id-dritt li jgħid dak li ma jaqbilx mal-*ethos* tagħna. Dak il-bilanċ?

Id-dritt tal-libertà reliġjuża jfisser li l-Knisja għandha d-dritt li tgħallem it-tagħlim soċjali tagħha, imnebbaħ mill-Vanġelu, mibni fuq ir-raġuni. Xi żvantaġġ għandha l-Knisja – għax hija Knisja? – illi taħseb b'moħħha, illi r-raġuni mdawla mill-fidi tgħinha biex tasal għal ċerti konklużjonijiet soċjali? Is-sabiħa hi li meta jien, Isqof tagħkom, f'dawn il-ħames snin tkellimt fuq *issues* soċjali, applawdewni. Imma issa le, issa fuq iż-żwieġ ma tistax titkellem... iż-żwieġ m'għadux *issue* soċjali! Dan jagħmel sens? Allura x'ħin nitkellem fuq il-ħaddiema, jew meta nitkellem fuq l-inġustizzji, jew x'ħin tkellimt fuq l-emigranti irregolari, dakinhar intqal li "għamel sew l-Isqof". Imma issa "mhux jagħmel sew" meta qed jitkellem fuq il-Vanġelu, meta qed nitkellem fuq il-familja! Il-Knisja għandha dritt illi tgħallem it-tagħlim soċjali tagħha.

Fuq kollox il-Knisja għandha dritt, ħiereġ mid-dritt tal-libertà reliġjuża, illi tagħmel ġudizzju morali fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-ordni politiku, speċjalment meta l-jeddijiet fundamentali tal-persuna jew is-salvazzjoni tal-erwieħ jitolbu dan. Imbagħad iridux isegwuh jew le, dik ħaġa oħra.

Dawn il-prinċipji huma elenkati fil-Kostituzzjoni Pastorali tal-Konċilju Vatikan II, "Il-Knisja fid-dinja tal-lum" (n.76).

### L-impenn Nisrani fil-ħajja soċjali

Din hi s-sitwazzjoni! Għaliex taħsbu li San Ġorġ ħa l-martirju? Għaliex hu u sħabu kellhom dik il-persekuzzjoni? Għaliex – forsi b'termini oħra, imma s-sustanza hija l-istess – il-poplu ta' Alla, quddiem dak it-tip ta' stat, l-Imperu Ruman, ried ixerred il-Vanġelu, ried jitkellem fuq is-soċjal u ried jgħaddi ġudizzju morali fuq il-ħajja soċjali.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, li għadna kif iċċelebrajna l-beatifikazzjoni tiegħu – li huwa d-difensur mhux biss ta' Kristu, imma għax hu difensur ta' Kristu hu difensur tal-bniedem – kien wieħed mill-ħabbara li ddefenda d-drittijiet ta' Alla, tal-Knisja u tal-bniedem. Hu jgħidilna illi jekk il-fidi tagħna ma tkunx fidi illi ddakkar il-kultura, is-soċjal u l-politika, allura mhix fidi mgħejxa bil-fedeltà – hija fidi mejta. L-intelliġenza tal-fidi tittraduċi ruħha f'intelliġenza tar-realtà ta' madwarna u hekk issir ċavetta ta' ġudizzju u bidla! Hija bla sens li x-xhieda Nisranija tiġi eskluża mill-ħajja pubblika!

X'qed nagħmel ħażin jekk illejla nħeġġeġ lilkom, u magħkom lill-Knisja tagħna kollha, biex, fid-dawl ta' dak li jgħidilna Ġwanni Pawlu II, il-fidi tagħna ma nħalluhiex mejta, imma tkun fidi illi ddakkar il-ħajja personali, tal-familja, soċjali u tal-kultura tagħna? Ara ma taħsbux illi dan qegħdin ngħiduh għax għandna f'moħħna li niksbu xi forma ta' poter, ta' eġemonija soċjali jew politika. Dik m'għandhiex x'taqsam mal-vokazzjoni tagħna bħala Knisja. Lilna jinteressana biss illi, mdawlin mit-tagħlim ta' Kristu, dak it-tagħlim illi ħeġġeġ lill-martri San Ġorġ biex b'ħajtu jagħti xhieda, lilna wkoll dan it-tagħlim jimbuttana u jistimulana ħalli s-soċjetà tagħna tkun mibnija fuq il-ġebla tax-xewka. Il-bini li m'għandux ġebla tax-xewka soda, jħoss u jinżel. Id-dmir tagħna hu illi, nerġa' ngħid, quddiem kunċett ta' stat liberali u sekularizzat, mingħajr m'għandna nippretendu li jkollna stat konfessjonali, għandna nippretendu, bħala ċittadini

– u ċittadini Kattoliċi – illi jħalluna nagħtu l-kontribut tagħna biex tintlaħaq din l-alleanza bejn ir-raġuni u l-fidi.

Biex nagħmlu dan aħna għandna bżonn l-interċessjoni tas-Sema. U bħalma għamilt ilbieraħ f'din il-festa liturġika li qegħdin nagħmlu lill-Patrun tagħna San Ġorġ, hekk nerġa' nagħmel illejla, fejn nitlob lil San Ġorġ Martri, xhud ta' Kristu, li ta s-sehem tiegħu biex tikber iż-żerriegħa tal-Insara, jgħin lilna wkoll biex ngħożżu l-fidi u t-twemmin tagħna, ngħożżu wkoll iċ-ċittadinanza tagħna, aħna li niffurmaw parti minn dan in-Nazzjon, u għax inħobbu lil Kristu u lil pajjiżna, bħalma kien iħobb San Ġorġ, tiġi s-siegħa tagħna fejn b'wiċċna minn quddiem nagħtu xhieda tal-valuri li nemmnu fihom, bit-tama li bis-sehem tagħna mhux biss tidher fostna s-Saltna ta' Alla, imma nibnu soċjetà illi għandha futur.

# *IL-PAPA TAŻ-ŻWIEĠ U TAL-FAMILJA*

**Artiklu ta' Mons Isqof Mario Grech**

**Ġurnal "Kullħadd", il-Ħadd 1 ta' Mejju 2011**

## Esperjenza personali

Ma kontx ilni sentejn saċerdot, meta fl-1985 kelli l-okkażjoni li niltaqa' mal-Papa Ġwanni Pawlu II personalment. Bħala isqof ta' Ruma hu kien qed idur il-parroċċi tad-djoċesi u mess li jiltaqa' mal-komunità parrokkjali tal-Assunzjoni li hemm fuq it-*Tuscolana*. Kont għadni qrempuċu, u l-aħbar li l-Papa kien ġej fil-parroċċa fejn kont nagħmel xi ħidma pastorali fis-snin li kont qed nistudja Ruma tatni ferħ kbir.

Ma niftakarx x'kien il-messaġġ tal-Papa Wojtyla dakinhar tal-quddiesa li ċċelebra fil-parroċċa; imma għadu stampat f'qalbi u f'moħħi l-kliem impenjattiv li qal lilna s-saċerdoti waqt li konna mal-mejda nieħdu ftit tè. Għalkemm kien għadu fl-ewwel snin tal-pontifikat tiegħu, it-tagħlim tiegħu kien diġà juri li kien Papa li kellu għal qalbu l-bniedem, partikularment il-familja.

Bejn kikkra tè u oħra, b'dik il-ħarsa karatteristika tiegħu ta' bniedem deċiż minn dak li kien jgħid, saħaq magħna li l-familja għandha tkun prijorità tal-ħidma pastorali tagħna għax il-familja hija l-benniena fejn jissawwar iċ-ċittadin u n-Nisrani. Kien f'din iċ-ċirkostanza li l-Papa ħares lejja u faħħar lil pajjiżna għax jemmen fil-familja.

Mur ġibu jitkellem illum fuq il-familja Maltija! F'perijodu relattivament daqshekk qasir, il-familja tagħna kellha tara sfidi bħal din tad-divorzju! X'futur hemm għall-familja meta qegħdin nikkunsidraw li nibdew nibnu l-familja fuq ir-ramel u mhux fuq blata żonqrija?

Imbagħad erġajt kelli x-xorti nkun qrib tiegħu meta fl-1990 hu għamel l-ewwel żjara pastorali fil-gżejjer Maltin. Fl-ewwel quddiesa li l-Papa ppresieda f'pajjiżna, eżattament quddiem is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, huwa kellu messaġġ imħeġġeġ dwar il-familja: "Fl-imgħoddi l-ħajja tal-familja b'saħħitha ta' Malta ipprovdiet bażi soda għall-istabbiltà u l-iżvilupp armonjuż tas-soċjetà. Fiż-żmien tal-lum, jistgħu l-familji ta' Malta u Għawdex jibqgħu jilqgħu din l-isfida urġenti? Bħal ħafna soċjetajiet, tagħkom m'għandhiex immunità minn xorta ta' diżorjentament spiritwali kkawżat minn bidliet soċjali mgħaġġla u l-attrazzjoni ta' sistemi u modi ta' valuri li jmorru kontra l-konvinzjonijiet l-aktar profondi li għaġnu l-identità tagħkom bħala poplu ... Nitlobkom ilkoll biex titolbu miegħi li l-familji ta' Malta jkunu l-ħawt li fih is-soċjetà tagħkom tfondi l-impenn imġedded għall-valuri tal-Evanġelju li huwa l-aktar wirt prezzjuż li ġej mill-imgħoddi".

Meta naqraw dan il-kliem fis-sitwazzjoni attwali tal-familji tagħna, jidher ċar li l-kliem tal-Papa kien profetiku! Quddiem dan il-kliem, ma nistgħux ma nistaqsux x'għamilna minn dakinhar 'l hawn jew għamilniex biżżejjed biex nilqgħu għal dak "id-diżorjentament" li jsemmi l-Papa – għax ġejna fi kliemu!

Huwa fatt li matul is-snin tal-pontifikat ta' Ġwanni Pawlu II waslilna ħafna tagħlim mill-pinna ta' dan il-Papa li jitfa' dawl ġdid u aktar qawwi dwar l-aspett antropoloġiku, teoloġiku u spiritwali tal-familja. Mhux ta' b'xejn, il-Papa Ġwanni Pawlu ġie msejjaħ bħala l-Papa taż-żwieġ u l-familja!

## Difensur tal-ħajja

Għalkemm ma naqasx li l-Papa Ġwanni Pawlu II joffri gwida morali dwar il-ħajja miżżewġa, però dan ma kienx il-qofol tal-maġisteru tiegħu dwar iż-żwieġ u l-familja. Huwa minnu li Ġwanni Pawlu II huwa difensur tal-ħajja sa mill-bidu tat-tnissil tagħha fl-ambjent propju tagħha: fi ħdan il-koppja miżżewġa. Huwa jikkonferma d-dutrina li hemm fl-enċiklika ta' Pawlu VI *Humanae Vitae*, tant li kien fi żmienu li l-ewwel il-Kongregazzjoni għad-Dutrina tal-Fidi ħarġet l-istruzzjoni *Donum Vitae*, mbagħad tana l-enċiklika *Evangelium Vitae*. Dawn it-tliet dokumenti jiffurmaw it-*trittiku* li jiġbor it-tagħlim tal-Knisja dwar l-imħabba tal-miżżewġin li hija miftuħa għall-ħajja.

## Sejħa għall-għaqda

Mill-1979 sal-1984, għal ħames snin sħaħ, matul l-udjenzi li l-Papa jkollu kull nhar ta' Erbgħa f'San Pietru, il-Papa Ġwanni Pawlu II għażel li jagħmel katekeżi dwar l-imħabba umana! B'kollox għamel 129 katekeżi li llum jiffurmaw dik li tissejjaħ it-"Teoloġija tal-Ġisem". Permezz ta' dawn ir-riflessjonijiet il-Papa jagħmel riflessjonijiet interessanti fejn jipprova jindirizza l-mistoqsijiet li hemm fil-ġewwieni ta' kull bniedem, partikularment dwar is-solitudni, is-sesswalità umana, ir-relazzjonijiet interpersonali, ir-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara, eċċ. Hekk il-Papa juri kif ir-raġel isib it-twettiq

tiegħu meta jidħol f'relazzjoni stabbli u sinċiera malmara, peress li bejniethom hemm kumplimentarjetà sesswali. Sa mill-bidu tal-ħolqien il-bniedem għandu sejħa naturali biex jingħaqad ma' persuna ta' sess oppost u l-għaqda ta' bejniethom tkun tirrifletti l-għaqda li hemm f'Alla. Bi kliem poetiku imma veru, il-Papa jgħallem li l-bniedem isir xbieha t'Alla mhux meta jkun waħdu, imma meta jkun f'komunjoni mas-sieħba tiegħu. Il-misteru tal-familja huwa għalhekk meqjus mill-Papa Ġwanni Pawlu II bħala estensjoni ta' din il-komunjoni. Il-ġmiel tal-familja magħquda huwa rifless tal-ġmiel li hemm fil-familja t'Alla li hija t-Trinità Qaddisa.

## Żwieġ dejjiemi

Meta din l-għaqda fil-familja tixxellef jew tintilef għal kollox, it-telfa tkun kbira kemm għall-miżżewġin infushom, għall-ulied kif ukoll għall-istess soċjetà. Kif insibu fl-Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio*, li l-Papa Ġwanni Pawlu II ippubblika f'Novembru 1981 wara li kien ġie ċċelebrat Sinodu tal-Isqfijiet dwar il-familja, nsibu li "ir-raġuni ewlenija li ż-żwieġ ma jista' jinħall qatt qiegħda fl-għoti sħiħ u għal kollox, bir-ruħ u bil-ġisem tal-miżżewġin lil xulxin; il-ġid tat-tfal ukoll jitlob li ż-żwieġ qatt ma jinħall, iżda fl-aħħar mill-aħħar, il-verità ta' dan qiegħda fil-pjan li Alla wera fir-Rivelazzjoni: Alla jrid li ż-żwieġ ma jinħall qatt u dan iridu bħala frott u sinjal u ħtieġa ta' dik l-imħabba li Alla għandu għall-bniedem u Kristu għandu għall-Knisja, imħabba li qatt ma tiġi nieqsa" (n.20).

Ġwanni Pawlu II mhux biss għandu kliem ta' tifħir għal dawk il-ħafna miżżewġin li, għalkemm jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet, iħarsu u jsaħħu dejjem aktar ir-rabta taż-żwieġ li ma tinħall qatt, imma jinnota s-siwi tax-xhieda ta' dawk il-miżżewġin li, għalkemm mitluqin mis-sieħeb jew is-sieħba, imqawwijin mill-fidi u mit-tama Nisranija, ma fittxewx żwieġ ieħor: dawn il-miżżewġin ukoll jagħtu xhieda vera tal-fedeltà, xhieda li d-dinja tal-lum tant teħtieġ (*Familiaris Consortio*, ibid.).

## Soċjetà b'saħħitha

Jekk għandna familja stabbli u soda, allura s-soċjetà tkun stabbli u soda; altrimenti, jekk il-familja hija dgħajfa, mhux biss hemm riskju li l-membri jkunu dgħajfin imma li l-istess dgħufija jkollha rifless fuq is-soċjetà. Infatti huwa mill-familja li jixterrdu l-ġustizzja, ir-rikonċiljazzjoni, l-imħabba bejn l-aħwa u l-paċi bejn il-bnedmin. Meta għal xi raġuni l-familja tiġi nieqsa, mhux lakemm ir-rwol tagħha jiġi sostitwit minn persuni jew istituzzjoni oħra. Kif jafferma Ġwanni Pawlu II fil-*Familiaris Consortio*, "minħabba li l-ħafna problemi soċjali llum huma mxerrdin mad-dinja kollha, il-familja qiegħda tara li l-ħidma tagħha għall-progress tas-soċjetà qiegħda titwessa' b'mod għal kollox ġdid" – dan jista' jkollu rifless mhux biss fiċ-ċirku dejjaq ta' madwarna, imma wkoll fil-wisa' internazzjonali!

## Missjoni politika

F'dan ir-rigward, forsi tajjeb wieħed isemmi s-sehem tal-familja fil-politika, li hija dik it-teknika li permezz tagħha tingħata direzzjoni lis-soċjetà. Fi kliem Ġwanni Pawlu II, "il-familji għandhom ikunu l-ewwel li jħabirku biex il-liġijiet u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż mhux biss ma jmorrux kontra, imma wkoll isostnu u jiddefendu bil-qawwa kollha d-drittijiet u d-dmirijiet tal-familji ... Il-familji għandhom ikunu l-protagonisti ta' dik li hi magħrufa bħala 'il-politika tal-familja' u jieħdu fuqhom ir-responsabbiltà li jbiddlu għat-tajjeb is-soċjetà; inkella l-familji jkunu huma l-ewwel vittmi ta' dik il-ħsara" (Familiaris Consortio, n.44).

## Kultura tal-familji

Imbagħad fl-1994, fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Familja organizzata mill-Ġnus Magħquda, il-Papa Ġwanni Pawlu II bagħat "Ittra lill-Familji" bl-isem *Gratissimam sane*. F'din l-Ittra, il-Papa jagħmel ċerti affermazzjonijiet li jistgħu jgħinuna anke fiċ-ċirkostanzi li qed ngħixu bħalissa! Infatti Ġwanni Pawlu II jgħid bla tlaqliq li soċjetà mingħajr il-familja hija soċjetà mingħajr imħabba! L-istorja tal-umanità tixhed li fejn inqerdet il-familja seħħ tassew dak li jinnota l-Papa: kellna soċjetajiet sajmin mill-imħabba. Dan mhux biss wassal għall-qerda taċ-ċiviltà tal-imħabba, imma nibbet antiċiviltà qerrieda! Għalhekk huwa ħafna importanti li n-nazzjon jiżen tajjeb jekk bil-liġijiet li jintroduċi jkunx qed isaħħaħ jew imermer dik li l-Papa Ġwanni Pawlu II sejjaħ il-"kultura tal-familji".

## "Nikkurdaw il-kordi"

Wieħed jifhem li f'dawn il-ftit paragrafi rajna biss ħjiel ta' dak li sejjaħnielu l-maġisteru tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar iż-żwieġ u l-familja; imma huwa biżżejjed biex jgħinna napprezzaw dawn iż-żewġ realtajiet daqshekk relatati ma' xuxlin, u fl-istess ħin wieħed ikompli jfittex aktar tagħrif li tista' toqgħod fuqu dwar in-natura kemm taż-żwieġ kif ukoll tal-familja. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ħallielna minjiera ta' dan it-tagħlim.

L-interess li reġa' qam dwar il-Papa Ġwanni Pawlu II issa li saret il-beatifikazzjoni tiegħu f'ċertu sens huwa kurjuż u jqanqal ċerti domandi! Per eżempju, f'soċjetà lajka bħal tagħna, fejn kull ma jmur Alla qed jitlef iċ-ċittadinanza tiegħu, hu normali li wieħed jistaqsi x'korda daqq dan "il-bniedem t'Alla"? Jew huwa l-kas li l-arpa għandha l-kordi kollha mħawda u skordati, bħal fil-kas taż-żwieġ u l-familja, u għalhekk qed infittxu lil xi ħadd li jista' jġib il-kordi f'posthom? Il-Beatu Ġwanni Pawlu II, li kien strument doċli f'idejn Alla, kapaċi jgħinna "nikkurdaw" u hekk insibu tonalità ġdida u propja.

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.